MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 533/2011

**VODAFONE MALTA LIMITED**

**vs**

**Carmen SANTONOCITO**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fis-27 ta' Gunju, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' tlett mija erbgha u tmenin euro u tmienja u tletin centezmi ta' euro (€384.38) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' tlett mija u erbgha u tmenin euro u tmienja u tletin euro centezmi (€384.38) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide r-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

Illi minkejja illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, fosthom permezz ta’ ittra ufficjali bin-numru 1919/10 u datata 5 ta’ Lulju, 2010 maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide l-kopja legali ta’ tali ittra ufficjali pprezentata nhar is-6 ta’ Lulju, 2010, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B), hija xorta wahda baqghet inadempjenti (ara l-kopja legali tan-nota ta’ kontestazzjoni maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, pprezentata nhar it-13 ta’ Lulju, 2010) hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-fuq imsemmija ittra ufficjali maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont msemmi sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bit-Talba odjerna fit-23 ta’ Lulju, 2011, u bl-avviz tas-smiegh fis-6 ta’ Awissu, 2011 baqghet ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-5 ta’ Dicembru, 2011, nhar it-30 ta’ Jannar, 2012, 30 ta’ Marzu, 2012, nhar it-23 ta’ Marzu, 2012, nhar il-25 ta’ Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fil-25 ta’ Mejju, 2012 u li permezz taghha, s-socjeta attrici rriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta’ €64.38;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta’ Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbgha u sittin euro u tmienja u tletin centezmi ta’ euro (€64.38), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------